

Brussell, 7 ta' Novembru 2025
(OR. en)

14932/25

EDUC 416
SOC 735
EMPL 486
COMPET 1125
DIGIT 222
ENV 1173

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-kompetittività u r-reżiljenza - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) tas-27 ta' Novembru 2025.

Ir-rwol tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fil-kompetittività u r-reżiljenza

Nota ta' gwida mill-Presidenza

L-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (VET) bħala sinsla Ewropea

Il-VET ilha kwistjoni kruċjali fil-kooperazzjoni Ewropea għal ħafna snin, u hekk kif l-Ewropa qed tiffaċċa tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u demografiċi kif ukoll theddid imġedded għas-sigurtà, bħal attackki ibridi fuq infrastruttura vitali, il-ħtieġa għal forza tax-xogħol b'ħiliet għolja saret dejjem aktar ċara. Madankollu madwar l-Ewropa, wisq pajjiżi għadhom qed jiffaċċaw nuqqas ta' ħiliet, reġistrazzjoni baxxa fil-VET, rati għoljin ta' tluq bikri mill-iskola u perċezzjonijiet persistenti li l-perkorsi vokazzjonali huma ta' inqas valur minn daww akkadeimiċi. Għalhekk, it-tiżiż mhux biss tal-kompetittività tal-Ewropa, iżda wkoll tar-reżiljenza ekonomika u demokratika tagħha, u tal-kapaċità li tipprovdni opportunitajiet indaqs għal kulħadd ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u impjiegi ta' kwalità, sar ta' importanza kbira.

Il-VET bħala pilastru għall-kompetittività u r-reżiljenza

L-edukazzjoni u t-taħriġ jinsabu fil-qalba tal-aġenda ekonomika u soċjali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa u r-reżiljenza ekonomika u demokratika tagħha, u biex jiġu pprovduti opportunitajiet indaqs għal kulħadd ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, it-tagħlim tul il-ħajja u impjiegi ta' kwalità, ġew introdotti għadd ta' inizjattivi fil-livell tal-UE f'dawn l-aħħar snin. Dawn l-inizjattivi huma mmirati lejn l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja. Dawn jinkludu r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza¹ u inizjattivi tal-Kummissjoni bħall-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa², il-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali 2021-2027³ u l-Patt għall-Ħiliet.

¹ ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.

² COM(2020) 274 final.

³ COM(2020) 624 final.

Ir-rapport ta' Draghi tal-2024 dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea jenfasizza li l-investment fil-ħiliet – b'mod partikolari l-ħiliet vokazzjonali u tekniċi – huwa fundamentali għall-kisba ta' awtonomija strateġika, innovazzjoni u koeżjoni soċjali fl-Ewropa. Ir-rapport jindika għadd ta' sfidi fl-edukazzjoni u t-taħriġ, bħall-allinjament tal-VET mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu, it-tnaqqis fil-livelli tal-edukazzjoni, in-nuqqas ta' appoġġ għall-istudenti minn sfondi żvantaġġati, it-talent STEM mhux sfruttat biżżejjed u nuqqas serju ta' ħiliet diġitali bażiċi.

Wara li jstabbilixxi l-isfidi, ir-rapport ta' Draghi jappella għal strateġija Ewropea biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fil-ħiliet iffukata fuq l-istadji kollha tal-edukazzjoni. Jinsisti wkoll fuq il-ħtieġa li jissaħħu, fost l-oħrajn, il-ħiliet bażiċi tal-litteriżmu u n-numeriżmu, il-ħiliet diġitali, il-ħiliet ekoloġiċi, il-ħiliet STEM u l-ħiliet trażversali.

Dawn is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet jitolbu impetu mġedded għall-iżvilupp ulterjuri tal-VET bħala perkors edukattiv attraenti u ta' kwalità għolja b'opportunitajiet promettenti ta' karriera għall-istudenti.

Sejħa għal azzjoni koordinata biex jissaħħaħ ir-rwol tal-VET

Minkejja l-isforzi tal-Istati Membri, l-enfasi ewlenija tal-isfidi kondiviżi tal-UE tibqa' fuq l-attrazzjoni, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol, l-inklużività u s-sħubijiet, inkluż il-gwida, it-tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, id-diġitalizzazzjoni, u VET oġhla.

F'dan il-kuntest, il-kooperazzjoni Ewropea futura fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u b'mod partikolari fuq il-VET fil-livelli kollha, għandha tkompli tappoġġa lill-pajjiżi fl-indirizzar tal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, fit-tisħiħ tal-eċċellenza u l-inklużività, u fit-trawwim tal-innovazzjoni fis-sistemi tal-VET. Fl-istess ħin, l-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-VET, iridu jiżguraw li l-individwi jkollhom il-ħiliet professjonali meħtieġa, inkluż il-kapaċità li jkollhom rwol attiv f'soċjetajiet demokratiċi.

L-isforzi fil-livell Ewropew għandhom jamlifikaw u jikkomplementaw ir-riformi nazzjonali billi jipprovdu direzzjoni, għodod u pjattaformi għall-kooperazzjoni, li jippermettu lill-VET isiru mutur reali tar-reżiljenza u l-kompetittività tas-soċjetà. Barra minn hekk, sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-VET Ewropej, hija essenzjali kooperazzjoni b'saħħitha bejn il-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha, il-kumpaniji u l-gvernijiet biex jiġi żgurat li l-kurrikuli tal-VET jibqgħu rilevanti u jwieġbu għad-domandi tas-suq tax-xogħol u r-rekwiżiti tas-soċjetà li qed jevolvu. Din il-kollaborazzjoni multipartitika ssaħħaħ il-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, trawwem l-innovazzjoni, issaħħaħ il-perkorsi għall-istudenti biex jaċċessaw l-edukazzjoni għolja u/jew opportunitajiet ta' impjieg sinifikattivi u tagħti s-setgħa lill-individwi biex jieħdu sehem attiv f'soċjetajiet demokratiċi, u b'hekk issaħħaħ il-kompetittività ġenerali tal-ekonomiji Ewropej.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Preidenza tistieden lill-Ministri jwieġbu għall-mistoqsijiet ta' hawn taħt għal skambju ta' fehmiet dwar is-suġġett. Ġentilment nitolbu li l-interventi jkunu limitati għal massimu ta' tliet minuti.

- Kif nistgħu nallinjaw aktar il-programmi tal-VET mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u fl-istess ħin niżguraw edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha tal-VET li jipprovduhom il-ħiliet professjonali u soċjetali meħtieġa?
- Kif nistgħu nżidu mhux biss l-attrazzjoni, iżda wkoll il-bilanċ bejn il-ġeneri tal-programmi tal-VET – speċjalment fi STEM?